MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF
LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 768/1997/1

Anthony Buhagiar
vs
Chairman, Casma Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn l-1987 u l-1995 ir-rikorrent kien irceva trattament ingust fl-impieg tieghu fil-Casino u b'konsegwenza kien sofra danni kbar.

Illi r-rikorrent kien beda jahdem fil-Casino fl-1970 bhala Receptionist. Wara, kien gie trasferit ghal Public Relations Department, u wara, inhatar Manager of Bingo Hall. Fl-1987 kien gie trasferit ghal Administration izda ghamel sena ma jaghmel xejn. Fl-1988 inhatar Acting Bingo Manager, u wara, inhatar bhala Marketing Manager. Fis-sena ta' wara, kien tnehha minn dik il-kariga, u ghaliha kien gie impjegat wiehed minn barra l-

kumpanija.  Ir-rikorrent kellu jaccetta taht protesta l-post ta' Senior Head Receptionist.  Fl-1990 kienu offrewlu l-post ta' Marketing Assistant, allavolja qabel huwa kellu l-kariga ta' Marketing Manager.  Fl-1991 kien inhatar haddiehor bhala Marketing Manager u r-rikorrent rega' ghamluh Senior Head Receptionist.

Illi r-rikorrent kien gie mcahhad mill-hlas adegwat ta' xoghol 'overtime', u filwaqt li l-Middle Management kien jippartecipa fit-Tronc, ir-rikorrent ma kienx jiehu sehem mit-Tronc.

Illi filwaqt li l-Managers kull sena jinghataw zieda, ir-rikorrent ma kienx jinghata zieda, hlief dik tal-'cost of living increase', mill-1989 'l quddiem.

Illi t-trattament li r-rikorrent kien ircieva fil-perjodu imsemmi kien ingust u diskriminatorju.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija u jiddikjara li r-rikorrent kien ittrattat ingustament mill-Casma Ltd fis-snin bejn il-1987 u l-1995, u li r-rikorrent ghandu jinghata rimedju billi jinhatar minghajr aktar dewmien fil-kariga ta' Marketing Manager, u li r-rikorrent jinghata kumpens xieraq ghat-telf li sofra billi jinghata l-ammont ta' Lm5000 b'kumpens ghad-danni li sofra minhabba l-ingustizzji msemmija li garrab.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta` Casma Limited li eccepiet:

1. Illi preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal huwa inkompetenti ai termini tal-Artikoli 5 u 6 tal-Att VIII tal-1997, stante li l-istess rikorrent, bi ftehim mas-socjeta` intimata, dejjem accetta l-posizzjonijiet tieghu u di piu permezz ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet datat 29 ta' Jannar 1991, kull pendenza bejn il-partijiet kienet giet transatta per saldo, anke tramite r-rappresentanti tal-G.W.U., u bhala tali kienet giet accettata mill-istess

rikorrent, li rcieva l-hlas ex gratia offrut lilu bla ebda riservi u in full and final settlement.

2. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li apparti dak premess, l-istess rikorrent bl-ebda mod ma usufruixxa mill-proceduri kollha lilu disponibbli sabiex iressaq l-ilmenti tieghu anzi accetta u qabel dejjem mad-decizjonijiet tal-istess socjeta` intimata, kif jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-istess rikors.

3. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, it-talbiet tar-rikorrent huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istess rikorrent dejjem ircieva, u huwa accetta il-paga lilu spettanti, li b'effett mit-3 ta' Frar 1988 kienet ta' Lm350 fix-xahar, kemm bhala Acting Bingo Manager, kif ukoll b'effett mill-21 ta' Dicembru 1988 b'allowance ulterjuri ta' Lm20 ghal ivvjaggar; u appuntu fid-29 ta' Jannar 1991, ircieva per salo hlas ulterjuri ta' Lm1,250, kif irrizulta wkoll mid-dokumenti.

4. Illi peress li l-post ta' Marketing Manager giet resa redundant, is-socjeta` intimata kienet offriet lir-rikorrent il-post ta' Senior Head Receptionist, li l-kariga kienet giet accettata mill-istess rikorrent, b'salarju xorta ta' Lm350 fuq bazi personali, u li ha in konsiderazzjoni ukoll zidiet li setghu inghataw fil-futur.

5. Illi fis-7 ta' Marzu 1996 ir-rikorrent inghata l-kariga ta' Slots Palace Manager bl-istess salarju li kellha l-persuna precedenti, u ovvjament b'zieda ta' paga ghalih. F'Novembru/Dicembru 1996 ir-rikorrent kien ressaq l-ilment tieghu lic-Chairman odjern u membri ohra tal-Management, li permezz ta' dokumenti relattivi urewh illi s-salarju tieghu kien proprio dak tal-persuna li huwa issucida fl-istess kariga, u ghalhekk ippruvaw li l-ilmenti tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Mistoqsi specifikament ghaliex jekk kellu xi lment qajmu biss issa, l-istess rikorrent irrisponda li kien qed jistenna li jinbidel il-Gvern, u la darba dan sar u ma ha xejn, skond hu, ghazel ghalhekk li jaghmel din il-procedura odjerna, li hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, kif esposta iktar 'il fuq.

6. Illi ghalhekk a bazi tal-premess, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu stante li huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa dejjem ircieva s-salarju dovut lilu, anke b'zidiet addirittura anticipati u ukoll ircieva per saldo kull ammont li seta' kien lilu dovut, kemm skond u anke oltre l-grad tieghu, apparti l-fatt li fil-posizzjoni tieghu qatt ma kien intitolat ghat-Tronc.

7. Illi a bazi tal-premess, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-istess, u bla pregudizzju ghall-premess, anke dik fejn qed jigi mitlub li jinghata l-kariga ta' Marketing Manager, kemm minhabba r-ragunijiet premessi, kif ukoll stante li r-rikorrent wasal biex jittermina definitivament l-impieg tieghu.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni kompetenti lill-intimat kontra r-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrentipprezenta affidavit u semma li beda jahdem il-Casino bhala receptionist fil-15 ta' April 1970. Fl-1971 gie promoss bhala Head Receptionist u fl-1 ta' Lulju 1984 gie trasferit ghad-Dipartiment il-gdid tal-Public Relations. Fis-16 ta' Ottubru 1984 kien gie mwaqqaf kumitat ta' Tmexxija u wara li ha course fl-Ingilterra gie promoss ghal Manager fil-Bingo Hall. Wara l-bidla fil-Gvern il-Bingo ghalaq u hu gie mpoggi f'kamra hdejn it-Telephone Operator ma jaghmel xejn ghal madwar sena. Xhur qabel, il-Bingo

kienet tahdem fil-weekends biss u hu kien jahdem bhala PRO fil-granet l-ohra u fl-ahhar ta' Awissu 1987 il-job ta' PRO gie abolit u l-Marketing inghata lil kumpanija privata. Fit-3 ta' Frar 1988 kien gie konfermat Acting Bingo Manager.

Fit-12 ta' Settembru 1988 is-Segretarju tal-Bord infurmah b'ittra li kien qed johloq disgwid fost l-staff u gie mnehhi mill-Bingo fejn hu cahad dawk l-alleggazzjonijiet. Semma li jumejn wara zammewlu l-leave u regghu tawh ir-responsabbilta` kollha tal-Bingo. Qal li fis-17 t'Ottubru kien involut f'Tournament tal-Poker fejn gie mfahhar ghal xoghlu izda qatt ma thallas ghall-overtime ghalkemm kien imwieghed double time u hadem ukoll fil-granet ta' mistrieh. Fil-21 ta' Dicembru 1988 gie approvat bhala Marketing Manager sat-28 ta' Frar meta dik il-pozizzjoni kellha terga' tigi riveduta.

Fis-27 ta' Dicembru 1988 gie nfurmat li l-ittri mibghuta lilu fit-12 u fit-23 ta' Settembru gew imnehhija mill-file tieghu u fis-16 ta' Gunju 1989 jigifieri 6 xhur wara gie nfurmat li l-job tal-Marketing Manager gie abolit. Kienu offrewlu biex jahdem bhala Senior Head Receptionist fejn il-paga ta' Lm350 ma ntmissitlux. Semma li aktar tard il-job ta' Marketing Manager inghata lil Peter Borg Olivier li kien jigi t-tifel ta' l-ex Prim Ministru. Semma li fid-19 ta' Gunju 1989 is-Segretarju tal-GWU kiteb lil kumpanija fejn infurmhom li r-rikorrent kien qed jahdem taht protesta u sussegwentement fit-18 ta' Lulju il-GWU kiteb lid-Dipartiment tax-Xoghol ghal Consiliation Meeting. Fit-12 ta' Settembru 1989 ir-rikorrent kiteb lil GWU biex ifakkarhom il-pozizzjoni tieghu u l-promessi li kienet ghamlet il-kumpanija dwar zieda ta' 10% fil-paga li kienet inghatat lil Managers kollha u li hu qatt ma ha.
Qal li fil-21 ta' Novembru 1989 u fil-21 ta' Mejju 1990 il-GWU kitbet lil Ministru Louis Galea ghax ma kien sar xejn dwar il-kaz tar-rikorrent. Fil-11 t'Ottubru 1990 gie offrut il-job ta' Ass. Marketing Manager fi grad Manigerjali bi probation ta' 3 xhur u wara jekk konfermat jinghata l-pozizzjoni ta' Marketing Manager b'zieda ta' 10% fis-salarju. Fir-risposta lill-General Manager ir-rikorrent gibed l-attenzjoni li qabel inghata transfer hu kien diga` fil-

Marketing Department u kien acceta li jmur fil-job ta' Senior Head Receptionist taht protesta. Semma li fid-29 ta' Jannar 1991 inghata s-somma ta' Lm1250 (minn Dokument J a fol 17 tal-process tirrizulta ittra mibghuta mill-Casino General Manager lir-rikorrent fejn qallu "as agreed at the meeting yesterday with Mr. Charles Rapa and Mr. Michael Debono, I confirm that you will receive the sum of Lm1250 (one thousand two hundred and fifty Maltese Liri) in full and final settlement of all outstanding claims in respect of your employment with the company". F' Dokument K a fol 18 hemm ittra ta' Barton General Manager tal-Casino fejn isemmi "that the subject in caption has been settled to the satisfaction of all concerned.") bhala hlas ta' dak li kellu jiehu u qal li hu dejjem accetta ghax kien jibza' li jkun politikament sfruttat u li seta' jitlef il-job. Sostna li apparti li hadem taht protesta dejjem gie mfahhar ghal xoghlu. Semma li fil-21 ta' Dicembru 1992 ircieva Lm260 ghalxejn. Hu dejjem talab biex il-pozizzjoni tieghu tigi rrangata. Qal li fis-7 ta' Marzu 1996 gie approvat Slots Palace Manager mill-1 ta' Marzu 1996 f'salarju ta' Lm5,800 fis-sena.

Xehed Harold Walls illum Chairman tal-Casma Ltd. u ilu minn Ottubru 1996. Qal li ghamel zmien kien Deputat Segretarju Generali tal-GWU. Semma li fost hafna sezzjonijiet kien jiehu hsieb it-taqsima li kellha x'taqsam mal-Casma. Ikkonferma kemm id-Dok AX1 li hija ittra li kien baghat hu lir-rikorrent fir-rigward ta' hlas ta' overtime, kif ukoll Dok AX2 li hija ittra li baghat hu lir-rikorrent fejn kien hemm xi kwistjoni. Din l-ittra li tinsab a fol 58 tirrigwarda lir-rikorrent dwar il-kaz ta' Marketing Manager liema post il-kumpanija riedet tabolixxi. Semma li meta lahaq Chairman ir-rikorrent kien ilmenta mieghu li bhala Slot Manager hu kien qed jithallas inqas mis-Slot Manager ta' qablu. Kompla li r-rikorrent ilmenta wkoll dwar il-fatt li kieku baqa' Marketing Manager kien ikollu salarju akbar. Wara li ghamel il-verifiki sab li mhux veru li r-rikorrent kien qed jithallas inqas mis-Slot Manager ta' qablu u vverifika wkoll li r-rikorrent kellu Lm20 aktar bhala hlas ta' Marketing Manager. Semma li b'dan kollu kien informa lir-rikorrent fil-prezenza ta' Dr George Abela.

Alfred Attard ipprezenta affidavit u semma li kien jahdem il-Casino bhala waiter u rtira mill-impjieg fl-2001. Semma li hu ghamel numru ta’ snin bhala Shop Steward tal-impjegati tal-Casino membri tal-GWU. Qal li hu bhala Shop Steward kien akkompanja diversi darbi lir-rikorrent mas-segretarju tat-Taqsima tal-Union dwar l-ilmenti tieghu tal-impjieg. Semma li kien deher mieghu u ma’ Harold Walls u John Mansueto meta kienu segretarji responsabbli mit-Taqsima. Ftakar li kienet saret oggezzjoni ghat-tnehhija tar-rikorrent mill-kariga ta’ Marketing Manager bl-iskuza li l-post kien gie abolit u wara ftit xhur kienu dahhlu minn barra lil Peter Borg Olivier bhala Marketing Manager. Qal li r-rikorrent kien thalla ghal xi sena f’kamra ma jaghmel xejn. Ftakar ukoll li meta r-rikorrent inghata l-post ta’ Slot Manager flok is-Sur Runza huwa kellu take home money hafna inqas milli kellu s-Sur Runza. Ftakar illi kienu jipprotestaw li l-10% zieda li kellu mwieghed ir-rikorrent ma kienux inghataw u r-rikorrent ma kellux ghalfejn jinghata probation ghax qabel kien Marketing Manager.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi b’ decizjoni tat-Tribunal tal-5 ta’ Marzu 2001 fuq l-eccezzjoni tal-inkompetenza ***ratione materiae*** t-Tribunal kien sostna li kien inkompetenti ***ratione materiae*** dwar l-aspett ta’ overtime u ta’ zieda u li mill-Kap 394 kif jirrizulta mill-art 6(1)(b) hu kompetenti dwar hatriet.

Jibqa’ ghalhekk li t-Tribunal jezamina dwar l-ilment tar-rikorrent fuq Marketing Manager. Izda hawnhekk it-Tribunal huwa ffaccjat bil-kontenut tad-Dokument li kopja tieghu tinsab a fol 17 fejn ir-rikorrent thallas Lm1250 “in full and final settlement of all outstanding claims in respect of your employment with the company.” Illi dan jostakola lit-Tribunal milli jkompli jindaga ulterjorment x’ kumpens jista’ jinghata lir-rikorrent minhabba l-fatt li n-nuqqas ta’ ftehim gja gie rizolt bil-mod imsemmi. L-unika sperenza li seta’ kellu r-rikorrent kienet li jattakka l-validita` ta’ dan id-dokument ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-ligi, haga li r-rikorrent ma ghamilx. Infatti ma gie pruvat b’ ebda mod li r-rikorrent kien b’ xi mod sfurzat jaccetta dan il-ftehim u infatti hu kien assistit ukoll mill-union dwar dan

il-ftehim. Illi ghalhekk it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni moghtija mis-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------